

DEĊIŻONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2019/325

tal-25 ta' Frar 2019

li temenda d-Deċiżjoni 2012/642/PESK dwar miżuri restrittivi kontra l-Belarusjsja

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fil-15 ta' Ottubru 2012, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2012/642/PESK ⁽¹⁾ dwar miżuri restrittivi kontra l-Belarusjsja.
- (2) Abbażi ta' rieżami ta' dik id-Deċiżjoni, jenħtieġ li l-miżuri restrittivi kontra l-Belarusjsja jiġu estiżi sat-28 ta' Frar 2020.
- (3) Għalhekk, jenħtieġ li d-Deċiżjoni 2012/642/PESK tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Artikolu 8 tad-Deċiżjoni 2012/642/PESK huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 8

1. Din id-Deċiżjoni għandha tapplika sat-28 ta' Frar 2020.
2. Din id-Deċiżjoni għandha tinżamm taħt rieżami kostanti u għandha tiġġedded jew tiġi emendata, kif adatt, jekk il-Kunsill iqis li l-oġettivi tagħha ma ntlaħqux."

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Magħmul fi Brussell, il-25 ta' Frar 2019.

Għall-Kunsill

Il-President

G. CIAMBA

⁽¹⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/642/PESK tal-15 ta' Ottubru 2012 dwar miżuri restrittivi kontra l-Belarusjsja (ĠU L 285, 17.10.2012, p. 1).